TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 136/21/F

**Kurt u Katia Lucas**

**vs**

**Busy Bee Limited (C-6186)**

Illum, 23 ta' Ottubru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar it-12 ta' Awwissu 2021;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata ppreżentata fit-8 ta' Ottubru 2021;

Sema' x-xhieda bil-ġurament u ra l-*affidavits*;

Ra d-dokumenti;

Sema' t-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi fl-14 ta' Settembru 2017, ir-Rikorrenti daħlu fi ftehim mal-azjenda intimata sabiex jikru s-sala Villa Mdina għat-tieġ tagħhom li kellu jsir fl-4 ta' Lulju 2020 fejn ħallsu lill-istess azjenda intimata s-somma ta' €1,500 bħala depożitu.Fis-6 ta' Mejju 2020 imbagħad, l-azjenda intimata għarrfet lir-Rikorrenti li minħabba r-resrizzjonijiet tal-pandemija Covid-19, it-tieġ ma setax isir fl-4 ta' Lulju 2020 kif skedat. Minkejja li insegwitu ta' dan, ir-Rikorrenti talba lill-azjenda intimata tirrifondihom is-somma mħallsa lilha jew minn tal-anqas tikkonċedi *credit note*, din baqħet inadempjenti. Għalhekk saret it-Talba odjerna, sabiex l-azejenda intimata tiġi kkundannata tirrifondi lir-Rikorrenti s-somma ta' **elf u ħames mitt Euro (€1,500)**.

Illi l-azjenda intimata tilqa' għal din it-Talba billi ssostni li skont il-ftehim konkluż bejn il-Partijiet, "*the deposit shall be forfeited in the event of cancellation*" u għalhekk, ladarba kienu r-Rikorrenti li kkanċellaw il-ftehim, ir-rifużjoni tad-depożitu mhux mistħoqqa. Tgħid ukoll li mhuwiex minnu li t-tieġ ma setax isir minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija għax permezz tal-Avviż Legali 243 tas-sena 2020, ir-restrizzjonijiet fuq avvenimenti tal-massa tneħħew b'effett mit-30 ta' Ġunju 2020. Finalment, tgħid li minkejja dan kollu, hija offriet diversi dati alternattivi lir-Rikorrenti sabiex b'hekk ma jitilfux id-depożitu tagħhom.

Illi huwa paċifiku li kien qbil fuq id-data oriġinali tat-tieġ għall- 4 ta' Lulju 2020 u li tħallas depożitu ta' €1,500. Daqstant paċifiku huqa li hemm restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija Covid-19 imposti bil-liġi fix-xhur ta' qabel id-data miftehma. Fis-6 ta' Mejju 2020, Marco Buttigieg f'isem l-azjenda intimata informa lir-Rikorrenti li t-tieġ ma setax isir minħabba r-restrizzjonijiet li kienu viġenti f'dak iż-żmien. Ir-Rikorrenti jgħidu li kienu talbu lill-azjenda intimata sabiex jipposponu t-tieġ għal tmien dati alternattivi, inkluż fis-sena sussegwenti, iżda dawn dejjem ġew riġettata mill-azjenda intimata għax allegatament kien hemm *bookings* oħrajn għas-sala. Minħabba dan, kien ġie suġġerit mir-Rikorrenti li tinħreġ credit note favurihom biex tintuża fi prodotti tal-ikel iżda din il-proposta ġiet rifjutata minn Marco Buttigieg. Kien għalhekk li rrikorrew għall-assitenza legali u finalment dawn il-proċeduri.

Illi l-azjenda intimata, fl-affidavit tad-Direttur tagħha Brian Friggieri imkien ma ssemmi t-telefonata ta' Marco Buttigieg tas-6 ta' Mejju 2020 fejn allegatament informa lir-Rikorrenti li t-tieġ ma setax isir fl-4 ta' Lulju 2020 kif pjanat. Friggieri isostni minflok li kienu r-Rikorrenti li permezz ta' ittra datata 13 ta' Ġunju 2020 li informaw lill-azjenda intimata li t-tieġ ma setax isir kif pjanat. Isostni li sad-data relevanti, u ċioè l-4 ta' Lulju 2020, ir-restrizzjonijiet kienu tneħħew u b'hekk it-tieġ teknikament seta' jsir. Jikkonferma li l-azjenda intimata kienet disposta li takkomoda lir-Rikorrenti f'data alternattiva imma fid-dati kollha suġġeriti, il-*venue* kien diġà prenotat. Għalhekk iqis li t-talba għal rifużjoni mhux ġustifikata għax il-kanċellament kien minn naħa tar-Rikorrenti. In kontro-eżami, ikkonferma li fl-4 ta' Lulju 2020 ma kien sar l-ebda avveniment ġewwa Villa Mdina u li f'każijiet simili, ir-rimedju dejjem kien posponiment tat-tieġ għal data oħra.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-kuntratt bejn il-Partijiet kien ġie ffirmat ferm qabel id-data tat-tieġ proġettata, meta ħadd ma kien għadu sema bil-pandemija tal-Covid-19 u meta ovvjament, ma kien għad hemm l-ebda restrizzjonijiet fuq kif u meta setgħu isiru t-tiġijiet. Is-sitwazzjoni imbagħad inqalbet għal kollox f'Marzu 2020 meta feġġet il-pandemija Covid-19 u l-Gvernijiet, inkluż dak Malti, implimentaw sensiela ta' miżuri restrittivi sabiex l-imxiegħa tal-virus tiġi mrażżna. Dan kien jinkludi

projbizzjoni totali fuq attivitajiet tal-massa bħal tiġijiet. Għalhekk, hawn si tratta ta' każ fortuwitu għaliex jikkonkorru l-elementi tal-imprevedibbilità u l-inevitabbilità. Fuq kollox, wieħed irid iqis ukoll iċ-ċirkostanzi minn lenti ta' raġjonevolezza u ekwità li huwa mistieden jadopera dan it-Tribunal skont l-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal jirreferi għad-deċiżjoni tiegħu (diversament presedut) mogħtija fl-atti tat-Talba fl-ismijiet ***Antonella Grech Micallef vs Elia Caterers*** deċiża fil-25 ta' Mejju 2022 (CCT/165/21/MS). It-Tribunal qies is-segwenti:

> "*It-Tribunal jidhirlu illi dan ma kienx każ kapriċċjuż fejn ir-Rikorrenti iddeċidiet illi tikkanċella t-tieġ 'at the eleventh hour' meta l-ikel kien ippreparat u lest. Illi l-fatt li s-soċjetà intimata kienet disposta illi tipposponi s-servizzi tagħha għas-sena d-dieħla jfisser li hija, bħal kumplament tad-dinja kollha, kienu ferm konxji tas-sitwazzjoni fluwida fl-industrija tat-tiġijiet – sitwazzjoni li kienet 'touch and go' sal-aħħar.*
>
> *[...]*
>
> *It-Tribunal jidhirlu illi gialadarba l-kuntratt ma setax jiġi eżegwit minħabba ċirkostanza li fuqha r-Rikorrenti ma l-enda kontroll, ir-Rikorrenti ma kellhiex tiġi mġiegħla tipposponi t-tieġ għal ġurnata oħra, gialadarba t-tieġ ma setax isir fid-data speċifika tal-kuntratt. Għalhekk, ir-Rikorrenti kellha raġun titlob ir-rexxisjoni tal-kuntratt*"

Illi għalkemm huwa minnu li kien hemm *time window* qasira wara t-30 ta' Ġunju 2020 fejn ir-restrizzjonijiet fuq attivitajiet tal-massa kienu tneħħew permezz tal-Avviż Legali 243 tas-sena 2020, wieħed ma jridx jinsa li t-tieġ kellu jsir fl-4 ta' Lulju 2020 – erbat' ijiem wara. Għalhekk it-Tribunal iqis infondata (jekk mhux addirittura ċinika) s-sottomissjoni tal-azjenda intimata li t-tieġ seta jsir xortawaħda fid-data pjanata. Ovvjament, tieġ jinvolvi koordinament bejn diversi fornituri kif ukoll l-istampar u ħruġ tal-inviti fi żmien utili. Għalhekk, it-Tribunal perfettament jifhem li kien umanament impossibbli li r-Rikorrenti jħallu kollox imdendel sal-aħħar minuta.

Illi hemm ukoll li kwistjoni li jaf kien hemm mistiedna, inkluż familjari, li minkejja t-tneħħija jew rilassament tar-restrizzjonijiet mill-Gvern, xortawaħda ma kienx ser iħosshom komdi li jattendu għat-tieġ frott preokkupazzjonijiet ta' saħħa fi żmien li ma kienx għad hawn vaċċin kontra l-Covid-19. Din il-konsiderazzjoni relevantissima ġiet meqjusa mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Mejju 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Schembri vs Busy Bee Retail Limited*** (Rik. Nru. 2/2021 LM). Il-Qorti qalet dan:

*"Irid jingħad li għalkemm huwa minnu li fiż-żmien rilevanti, attivitajiet tal-massa setgħu jsiru, madanakollu dawn setgħu jsiru biss b'ċerti restrizzjonijiet. Dak iż-żmien festini bil-wieqfa, bħal dak li kien qed jippjana l-appellant, ma setgħux isiru, u l-appellant ma kienx qabel mal-idea li l-festin ikun seated, aktarx minħabba d-differenza fil-prezz bejn dak ippjanat oriġinarjament u avveniment seated. Il-Qorti kkonsidrat ukoll l-età tal-appellat, u l-fatt li dak iż-żmien persuni tal-età tiegħu kienu għadhom qegħdin jistennew li jingħataw il-vaċċin, u kienu qegħdin jieħdu diversi prekawzjonijiet, fosthom li jevitaw attivitajiet soċjali li jlaqqgħuhom ma' ħafna nies. Għaldaqstant, anki jekk kien possibbli li jiġu organizzati attivitajiet tal-massa, ma jfissirx li kien jagħmel sens għall-appellat li jorganizza avveniment b'mijiet ta' persuni sabiex jiċċelebra għeluq it-tmenin sena tiegħu, u dan meta d-dinja kienet għaddejja minn sitwazzjoni daqstant delikata".*

Illi meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ir-riżultat utili ta' dak prospettat mir-Rikorrenti meta daħlu fil-kuntratt ma setax raġjonevolment jintlaħaq konsegwenza ta' fatturi li kienu kompletament estranji u li fuqhom ma kellhom l-ebda kontroll. Għalhekk, it-Tribunal iqis li jikkonkorru l-elementi legali essenzjali kollha sabiex it-talba tiġi akkolta. Għalhekk, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-azjenda intimata, ser jgħaddi biex jilqa' t-Talba.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqagħha, jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) bl-imgħax dekorribbli mit-12 ta' Awwissu 2021, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu esklussiv tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***